MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Numru 164/2005

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Joseph Attard**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Attard ta' 32 sena iben Joseph u Evelyn nee' Attard mwieled Attard nhar is-26 ta' April 1972 u rsidenti fil-fond Last, Triq il-Grecja Naxxar, ID 237772 (M).**

**Akkuzat talli fit-18 ta' Marzu 2003 gon-Naxxar Malta xjentemetn laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe strument muzikali Saxophone ta' l-ghamla Sax- Alto tip Selmer, li jiswa iktar minn Lm100 pero inqas minn LM1000 jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex**

**ibieghhom jew imexxiehom u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, data u cirkostanzi seraq strument muzikali cioe Saxophone ta' l-ghamla Sax-Alto tip Selmer li jiswa' iktar minn Lm100 pero inqas minn LM1000 ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.**

**Rat l-atti kollha tal-process. Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet. Rat ukoll li l-imputat kien propjament ricettatur ghax hu ma kienx wettaq ebda serq izda rceva l-oggetti biss. Ghal daqstant il-Qorti qed ssibu hati ta' l-ewwel imputazzjoni biss.**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 334 u 361 tal-kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni biss u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni galadarba bhal ma diga intqal is-serq ma twettaqx minnu.**

**Il-Qorti stante li l-imputat ammetta mill-ewwel qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' sitt xhur, liema piena ghandha tkun sospiza ghal 18-il xahar sakemm l-imputat ma jwettaqx xi reat matul dan il-perjodu.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28A tal-kap 9 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------